SEMINARJU TAL-QALB TA' ĠESÙ

It-tieni ċiklu

Daniel Sultana

# PENITENZA U RIKONĊILJAZZJONI

Każ Morali ppreżentat bħala parti
mill-kors tat-Teoloġija Morali:
Is-Sagrament tal-Penitenza

**Rabat – Għawdex**
**Novembru 2013**

# Werrej

Problematika 2

Introduzzjoni 3

1. L-Esperjenza Penitenzjali 4

2. Ir-Rikonċiljazzjoni mal-Knisja 8

Konklużjoni 10

Biblijografija 11

1.

# Problematika

Huwa fatt li, fis-Sagrament tal-Penitenza, il-penitent mhux dejjem qiegħed jagħmel esperjenza ta' sobgħa u ndiema tal-għemil ħażin li jkun wettaq. Tidher aktar l-istqarrija ta' għemil ħażin milli l-bidla tal-qalb (*metanoia*) li hija aktar fundamentali mill-bidla ta' ċerti atti.

Fil-mod kif qiegħed jiġi ċċelebrat dan is-Sagrament, mhux jidher li s-saċerdot qiegħed jirrappreżenta l-komunità. Għalhekk, meta l-penitent qed jersaq lejn is-Sagrament, mhix tidher il-*pax cum ecclesia*. Minflok, il-penitent hu aktar preokkupat bil-*pax cum Deo*, jiġifieri, li Alla jaħfirlu dnubietu.

Kif tista' tinħoloq din l-esperjenza penitenzjali f'dawk li jersqu lejn dan is-Sagrament?

Kif ser tidher aktar il-*pax cum ecclesia*?

# Introduzzjoni

Il-problema ppreżentata għal dan il-każ hija waħda b'żewġ faċċati: min-naħa għandna r-realtà tal-penitenza li twassal għall-*pax cum Deo,* u min-naħa l-oħra dik tar-rikonċiljazzjoni mal-komunità jew il-*pax cum ecclesia*.

L-istorja ta' dan is-Sagrament tixhed għall-vitalità tiegħu, liema vitalità wasslet biex l-element essenzjali tas-Sagrament jidher u jiġi ċċelebrat b'manjieri li żviluppaw maż-żmien. Dan il-fatt jista' jfisser ukoll li l-iżvilupp estern tiegħu jista' jitkompla. Imma fuq kollox għandu jfisser li fl-istess forma li biha huwa ċċelebrat illum, jista' jkun hemm edukazzjoni, tiġdid, u tibdil.

F'dan il-każ ser jiġi propost lejn liema direzzjoni jista' jseħħ dan it-tiġdid: dwar dak li għandu x'jaqsam mal-penitenza, fid-direzzjoni bibblika ta' *metanoia* aktar milli stqarrija bil-kliem; f'dak li għandu x'jaqsam mar-rikonċiljazzjoni, fid-direzzjoni komunitarja aktar milli dik individwali. Il-metodu li ser jintuża' huwa dan: wara li jinġieb għad-dawl punt teoloġiku partikulari, issir kunsiderazzjoni dwar x'jistgħu jkunu l-implikazzjonijiet pastorali u prattiċi tiegħu.

# 1
# L-Esperjenza Penitenzjali

### *1.1 Id-dnub u l-maħfra*

Kull dnub huwa huwa att li jmur kontra l-bniedem innifsu, kontra l-oħrajn u kontra Alla; anke jekk il-bniedem mhux konxju minn kull waħda minn dawn it-tliet dimenzjonijiet tal-att midneb.[1] Bl-istess mod, rikonċiljazzjoni tassew isseħħ meta l-bniedem jerġa' jikseb il-paċi miegħu nnifsu, mal-oħrajn u ma' Alla. Bl-istess mod, jekk id-dnub huwa *adversio a Deo et conversio ad creaturas*, ir-rikonċiljazzjoni hija *aversio a creaturas et conversio ad Deo*. Din il-konversjoni timplika movument jew mixja, liema mixja hija espressa fil-penitenza.

Minn hawn jidher li definizzjoni tar-rikonċiljazzjoni tiddependi minn definizzjoni ta' dnub; u huwa għalhekk li d-dnubiet infushom (flimkien mal-għemejjel tal-midneb biex jilqa' l-maħfra divina) huma meqjusin bħala l-kważi-materja tas-sagrament tal-penitenza.[2]

*Il-kapaċità li tagħmel mixja penitenzjali tiddependi mill-kapaċità li jingħaraf id-dnub. Il-pastorali morali għandha ddawwal il-kuxjenza tal-insara biex isiru kapaċi jilmħu d-differenza bejn atti midinbin u l-għerq tad-dnub, u bejn ħażen oġġettiv u att ħażin.*

### *1.2 Il-konverżjoni fl-Iskrittura*

Il-bniedem li jitbiegħed mis-sejħa tiegħu jirċievi mingħand Alla l-istedina biex idur lura lejh: "Indmu, għax is-saltna tas-smewwiet waslet." (Mt 4,17)

---

[1] PESCHKE Karl H., *Christian Ethics. Moral Theology in the Light of Vatican II*, I/General Moral Theology, Bangalore [4]2004, 292.

[2] Fit-tagħlim tradizzjonali, il-materja tas-Sagrament tal-qrar tinqasam bejn dik remota, jiġifieri d-dnubiet li l-penitent wettaq wara l-Magħmudija; u dik prossima, jiġifieri l-atti tal-penitent innifsu (is-sobgħa, l-istqarrija, u t-tpattija). Ara KKK 1450.

Din is-sejħa fil-milja taż-żminijiet kienet mħabbra u mħejjija fit-Testment il-Qadim. Alla irrivela lilu nnifsu bħala Alla tal-Patt u Alla ħanin, li jagħder id-dgħufija tal-bniedem, u minkejja l-infedeltà tal-poplu jibqa' fidil. F'dan id-dawl, il-poplu Lhudi ntebaħ li d-dnub mhux għajr ksur tal-Patt ma' Alla, u ġie mqabbel ma' adulterju.[3] Permezz tal-profeti u ta' interpretazzjoni ta' ġrajjiet storiċi, il-poplu Lhudi għaraf li Alla qiegħed il-ħin kollu jistiednu għall-konversjoni u għall-għaqda mill-ġdid miegħu.[4]

Mod kif il-poplu seta' juri li qed jilqa' din l-istedina ta' Alla huwa l-liturġija penitenzjali. Din kienet tieħu diversi forom, fosthom is-sawm (1 Sam 7,6; 2 Sam 12,16), l-ilbies tal-ixkora u t-tiswib tal-irmied (Is 22,12; 58,5), ħasil (Num 8,7), u riti espjatorji oħra (Lev 4; 16,20s).[5] Imma fost dawn ir-riti kollha, l-aktar importanti kien il-*Yom Kippurim,* li kellu l-iskop li, bil-penitenza pubblika, tinkiseb il-maħfra tad-dnubiet kollha mwettqa tul dik is-sena.

Madanakollu, ħafna drabi nsibu lill-profeti jikkritikaw dawn ir-riti esterni ta' penitenza. L-argument prinċipali tal-profeti kien li l-element l-aktar importanti tar-riti, jiġifieri l-bidla tal-qalb, kien qed jitħalla fil-ġenb. It-terminu wżat għall-bidla tal-qalb huwa *schub*, li jfisser li taħrab minn dak li hu ħażin u ddur lejn Alla. Dan kien jimplika bidla fil-kondotta, għoti ta' orjentazzjoni ġdida lill-ħajja kollha.[6]

Ħaġa oħra li niltaqgħu magħha fit-Testment il-Qadim huwa l-ħtieġa li, minkejja d-don tal-maħfra mingħand Alla, il-bniedem maħfur ipatti għall-għemil ħażin tiegħu. Dan kellu l-iskop li tibqa' mfakkra l-infedeltà tal-poplu b'mod li jkun hemm attenzjoni milli wieħed jerġa' jidneb mill-ġdid.[7]

L-esperjenza tax-*schub* fit-Testment il-Qadim, tiġi tradotta fil-*metanoia* tat-Testment il-Ġdid. Is-sejħa għall-indiema u l-bidla tal-qalb tinstab fuq fomm il-Battista (Mt 3,2), fuq fomm Ġesù (Mt 4,17), u fuq fomm l-Appostli (Atti 2,38). "Din il-*metanoia* tikkonsisti f'konversjoni u bidla profonda, totali u definittiva tal-ħajja tal-bniedem: hija distakk sħiħ mid-dnub u minn dak kollu marbut miegħu, u konverżjoni mill-qiegħ lejn Alla u lejn Kristu permezz tal-fidi."[8] Dan kollu jitlob sforz min-naħa tal-bniedem, imma huwa fuq kollox don ta' Alla permezz ta' Ġesù Kristu li qalgħalna din il-maħfra bis-sagrifiċċju tas-salib.

Fit-tagħlim u fl-atteġjamenti tiegħu mal-midinbin, Ġesù jirrivela l-wiċċ ħanin tal-Missier. Bi tweġiba għat-tgergir tal-Fariżej meta rawh jiekol mal-midinbin, hu jgħid il-parabbola tal-iben il-ħali, u biha juri li Alla hu Missier ħanin li jfittex lill-midneb ħalli joffrilu l-maħfra bla ma japprova d-dnub innifsu. Id-diversi rakkonti ta' laqgħat mal-midinbin, bħalma kienu s-Samaritana, il-paralitiku, il-midinba magħrufa

---

[3] Ara INTERNATIONAL THEOLOGICAL COMMISSION, *Penance and Reconciliation* (1982), B, I, 2.
[4] Ara JOSÉ RAMOS-REGIDOR, *Il Sacramento della Penitenza. Riflessione Teologica Biblico-Storico-Pastorale alla luce del Vaticano II*, Torino [4]1992, 109.
[5] Ara PESCHKE Karl H., 327.
[6] Ara Ibid., 328; ara wkoll JOSÉ RAMOS-REGIDOR, 110.
[7] Ara JOSÉ RAMOS-REGIDOR, 110.
[8] Ibid.

fid-dar ta' Xmun, l-adultera, Żakkew, u l-ħalliel imsallab miegħu, juru ċar li "mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, imma lill-midinbin." (Mt 9,13)[9]

Jekk id-dnubiet huma meqjusin bħala kważi-materja tas-sagrament, it-tagħlim tradizzjonali jsemmi bħala materja wkoll l-għemejjel tal-penitent: l-indiema fil-qalb, l-istqarrija fuq il-fomm, u t-tpattija fl-għemil.[10] Fl-Iskrittura jidher kemm dawn huma marbutin flimkien, u kif "il-grazzja tal-konverżjoni titlob tweġiba triplika mingħand il-bniedem", jiġifieri l-bidla tal-qalb, l-istqarrija "quddiem Alla" (ara Lq 11,4; 18,10-14), u l-bidla fl-imġieba tal-ħajja.[11] Kull waħda minn dawn it-tliet elementi tal-proċess penitenzjali titlob li jkollha lit-tnejn l-oħra.

*Kemm-il darba, il-profeti u Ġesù jinsistu li l-indiema tal-qalb hija aktar importanti mir-riti esterni. Mingħajr ma ngħidu li waħda hija aktar importanti mill-oħra, irridu ninnutaw li fil-mod kif xi nsara jersqu lejn is-Sagrment tal-penitenza hemm tendenzi maġiċi jew legalisti (esterni), liema tendenzi huma mgħejjun mill-enfasi fuq ir-rit estern tal-assoluzzjoni. Dan jordom l-element ta' konverżjoni, jew ta' mixja penitenzjali tassew (kostitwita minn tliet mumenti), li fiha l-bniedem jintebah bil-ħażen tal-imgħoddi, u jdur lejn Alla u lejn ħutu b'rieda sħiħa li, minn dak il-ħin 'il quddiem, jagħmel ħiltu biex iħobb.*

### *1.3 Il-proċess tal-maħfra indikat minn Ġesù*

Mill-Konċilju ta' Trentu 'l hawn, *Mattew* 16,18-19; 18,18 u *Ġwanni* 20,21-23 saru s-siltiet użati f'riferiment għall-awtorità li l-Knisja rċeviet mingħand Kristu li taħfer id-dnubiet.

Imma hawn ta' min jistaqsi xi jfissru eżatt dawn il-ftit vrus. Is-setgħa li "torbot u tħoll" tingħata tliet interpretazzjonijiet. (i) Interpretazzjoni ġuridika: F'rabta mal-użu rabbiniku, f'sens wiesgħa, din l-espressjoni tfisser is-setgħa mogħtija lill-Knisja biex titkellem b'awtorità. Dan jinkludi fih is-setgħa li tiddikjara tagħlim bħala veru jew falz, kif ukoll għemil bħala leċitu jew le. B'mod speċifiku tista' tfisser ukoll li teskludi jew tinkludi lil xi ħadd fil-komunità minħabba d-dnub jew l-indiema. (ii) Interpretazzjoni ekkleżjali: F'rabta mal-kuntest tas-silta, li torbot u tħoll għandhom x'jaqsmu ma' prassi korrettiva tal-komunità bl-għan li l-midneb jikseb il-maħfra. Dan ifisser li l-Knisja, minħabba d-dnub tiegħu, torbot lill-individwu milli jieħu sehem fil-ħajja komunitarja, u dan bħala bidu ta' proċess penitenzjali. Fi tmiem dan il-proċess il-Knisja terġa' torbot lill-penitent mal-komunità. (iii) Interpretazzjoni demonoloġika: F'rabta ma' siltiet oħra bibbliċi, li torbot tfisser li l-Knisja titlaq lill-midneb biex turih ir-rabtiet tiegħu ma' Satana; u dan mhux biex tħallih marbut, imma biex tħollu minn ma' Satana u terġa' ddaħħlu taħt il-ħakma ta' Kristu.

Is-setgħa li "taħfer u żżomm id-dnubiet" ukoll għandha żewġ interpretazzjonijiet. (i) Interpretazzjoni ġuridika: Skont id-dispożizzjoni tal-penitent, il-konfessur jista' jagħti jew ma jagħtix l-assoluzzjoni. (ii) Interpretazzjoni ekkleżjali:

[9] Ara Ibid., 116-118.
[10] Ara KKK 1450.
[11] INTERNATIONAL THEOLOGICAL COMMISSION, B, I, 3.

Turi l-effikaċja li l-għemil tal-Knisja għandu quddiem Alla. F'dan il-każ, li l-Knisja żżomm lill-midneb ifisser li tobbligah iwettaq ċerti għemejjel biex hekk tkun tista' taħfrlu d-dnub tiegħu. Mill-ġdid, li taħfer u żżomm jidhru bħala żewġ mumenti tal-istess proċess.

*L-interpretazzjoni ekkleżjali tas-setgħa mogħtija minn Kristu turi li ċ-ċaħda tal-assoluzzjoni – jew fi kliem ieħor, iċ-ċaħda mill-parteċipazzjoni fil-ħajja tal-Knisja – hija għas-servizz tal-verità. Permezz ta' dan il-pass, il-konfessur, f'isem il-komunità, ma jkunx jiċħad xi premju lill-midneb, imma jkun jistiednu jibda proċess ta' konverżjoni permezz tal-għarfien tad-dnub tiegħu u ta' penitenza tassew.*

# 2
# Ir-Rikonċiljazzjoni mal-Knisja

## 2.1 *Ir-rikonċiljazzjoni ma' Alla u mal-Knisja*

Il-Konċilju ta' Trentu ddefinixxa li s-Sagrament tal-penitenza jwassal lill-penitent il-maħfra u r-rikonċiljazzjoni ma' Alla. L-ewwel dokument tal-Knisja li jitkellem mir-rikonċiljazzjoni mal-Knisja huwa *Lumen Gentium* 11: "Dawk li jersqu għas-Sagrament tal-Qrar jirċievu mill-ħniena ta' Alla l-maħfra tal-offiżi li għamlulu u fl-istess ħin (*et simul*) jirrikonċiljaw ruħhom mal-Knisja li huma darbu bi dnubiethom u li tgħinhom jikkonverntu bl-imħabba, bl-eżempju u bit-talb tagħhom."[12]

Anke jekk f'dan ma nsibu xejn dwar ir-rabta bejn il-*pax cum Deo* u *l-pax cum ecclesia*, fuq il-parir ta' bosta, nistgħu ngħidu li r-rikonċiljazzjoni mal-Knisja hija s-sinjal estern li jagħti r-rikonċiljazzjoni tal-penitent ma' Alla. Dan ifisser li n-nisrani li bid-dnub tiegħu jinfired minn Alla u mill-oħrajn, jerġa' jsib l-imħabba ta' Alla fl-imħabba tal-aħwa.[13] Barra minn dan, l-imħabba milqugħa ssir għajn ta' għemejjel ta' mħabba, liema għemejjel juru li r-rikonċiljazzjoni seħħet tassew.

*Bħala parti mill-mixja penitenzjali hemm it-tpattija, jew it-tewba. Tajjeb li maġenb "it-tpattija lil Alla" jkun hemm ukoll "it-tpattija lill-aħwa". Dan billi, per eżempju, il-penitent jiġi mħeġġeġ jagħmel atti ta' karità, jew jinterċedi għall-oħrajn quddiem Alla.*

## 2.2 *Il-forom taċ-ċelebrazzjoni*

L-*Ordo Paenitentiae* li ħareġ wara l-Konċilju Vatikan II, joffri l-possiblità ta' tliet riti tas-Sagrament tal-penitenza: l-ewwel forma hija l-qrara individwali; it-tieni forma hija dik fejn il-preparazzjoni għas-Sagrament issir b'mod komunitarju u l-istqarrija u l-

[12] Lumen Genitum, 11.
[13] Ara José Ramos-Regidor, 274-275.

assoluzzjoni b'mod individwali; it-tielet forma hija waħda eċċezzjonali u ristretta b'regoli, fejn issir stqarrija ġenerali u tingħata l-assoluzzjoni ġenerali.

Mingħajr dubju, l-ewwel forma toffri l-possibiltà li wieħed jesprimi ruħu quddiem il-Knisja. "Stqarrija ġenerali mhix biżżejjed, għaliex il-midneb għandu, kemm jista' jkun, jagħti espressjoni konkreta tal-verità tal-ħtija tiegħu u tan-natura ta' dnubietu; u wkoll għaliex tali stqarrija individwali u personali tal-ħtija ssaħħaħ l-indiema vera."[14]

Imma rridu ngħidu wkoll li din il-forma taċ-ċelebrazzjoni tiltaqa' ma' diversi ostakli. Fost dawn insemmu nuqqas ta' enerġija mitluba mill-konfessuri, u n-nuqqas ta' preparazzjoni u edukazzjoni tal-penitenti nfushom biex jagħmlu qrara li ma tkunx sempliċiment mekkanika. Dan iwassal biex jinħass il-bżonn tat-tieni rit, dak magħruf bħala "Ċelebrazzjoni Penitenzjali".

*Wieħed m'għandux iħares lejn dawn iż-żewġ forom bl-istess mod: kull waħda minnhom tenfasizza aspetti partikulari tal-mixja penitenzjali. Iżjed mill-qrar individwali, iċ-ċelebrazzjoni penitenzjali tagħti opportunità ta' katekeżi lill-komunità. Permezz ta' siltiet Bibbliċi, ta' eżortazzjonijiet pastorali, u ta' talb għal xulxin, il-ġemgħa miġbura tista' wkoll l-aspett soċjali tad-dnub u tar-rikonċiljazzjoni. Barra minn dan, ċelebrazzjoni penitenzjali toħroġ fid-dieher li kulħadd huwa midneb u fil-bżonn tal-maħfra, u li fil-Knisja m'hemmx 'il-kasta tal-qaddisin' u 'l-kasta tal-midinbin', imma ġemgħa ta' nies midinba li jafu bil-Ħniena ta' Alla.*

[14] INTERNATIONAL THEOLOGICAL COMMISSION, C, II, 2.

# Konklużjoni

Xieraq li ntemmu dawn il-kunsiderazzjonijiet tagħna f'riflessjoni tal-Papa Franġisku dwar is-suġġett tal-Penitenza. Fl-intervista li huwa ta' lil-*La Civiltà Cattolica,*[15] huwa qal li l-Knisja għandha tkun sptar tal-kamp tal-battalja. F'dan l-isptar, il-post tal-ministri tal-Knisja huwa li jħabbru l-ewwel proklamazzjoni: "Ġesù Kristu salvak", u li jkunu amministraturi tal-Ħniena ta' Alla.

L-amministrazzjoni tal-Ħniena ta' Alla sseħħ b'mod konkret fis-Sagrament tal-penitenza. Il-Papa jgħid kif fejn hemm il-Ħniena, la hemm rigoriżmu li jħalli kollox f'idejn il-kmandament estern, u lanqas hemm il-laxkezza li ma tammetti ebda dnub li quddiemu Alla jista' jkun ħanin. Amministratur veru tal-Ħniena ta' Alla "għandu jkun ħanin, jerfa' r-responsabiltà tan-nies u jakkumpanjahom bħas-Samaritan it-tajjeb, li jaħsel, inaddaf u jerfa' lill-għajru."

Il-mixja penitenzjali li tkellimna dwarha titlob gwida li lest jieqaf fil-vjaġġ tiegħu biex jgħin lill-proxxmu jasal fil-lukanda, il-post li l-Missirijiet tal-Knisja raw fih xbieha tal-Knisja li qed tistenna lil Kristu "jerġa' jgħaddi".

[15] Intervista mal-Papa Franġisku, *La Civiltà Cattolica.*

# Biblijografija

PESCHKE Karl H., *Christian Ethics. Moral Theology in the Light of Vatican II*, II/Special Moral Theology, Bangalore [4]2004.